MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 376/2007

**Mobisle Communications Ltd (C-24655)**

**Vs**

**Anita Aloisio**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ mija u sitta u tletin Lira Maltin u hdax il-centezmu (Lm136.11c) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 8319 in rigward ghas-servizzi lilha rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur bejn Awissu, 2006 u Dicembru, 2006;

Bl-ispejjez u imghaxijiet legali;

Ra li l-konvenuta baqet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Ra l-Kapitolu pprezentat mill- PL Peter Sammut fid-9 ta' Lulju, 2007;

Ra li l-konvenuta naqset li tikkontesta l-Kawza;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------